# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
M. CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fit-12 ta' Settembru 2017[1]

**Kawżi Magħquda C-596/16 u C-597/16**

**Enzo Di Puma**
**vs**
**Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob) (C-596/16)**
**u**
**Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)**
**vs**
**Antonio Zecca (C-597/16)**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (qorti suprema, l-Italja)]

"Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea - Direttiva 2003/6/KE - Trasmissjoni ta' informazzjoni privileġġata - Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi sanzjoni amministrattiva u sanzjoni kriminali għall-istess fatti - Sentenza kriminali li tiskaġuna, li tistabbilixxi n-nuqqas ta' eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu r-reat kriminali - Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea - Ksur tal-prinċipju *ne bis in idem*"

1. Fil-konklużjonijiet tal-kawża Menci[2], li jinqraw simultanjament ma' dawn, nanalizza sa liema punt japplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem* meta l-leġiżlazzjonijiet ta' xi Stati Membri jippermettu li s-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali jiġu akkumulati sabiex jiġi kkastigat in-nuqqas ta' ħlas tal-VAT. Dan ir-rinviju preliminari jirrigwarda l-istess problema, minkejja li l-aġir ippenalizzat darbtejn f'dan il-każ jaqa' taħt "abbuż tas-suq" u, b'mod partikolari, it-tixrid ta' informazzjoni privileġġata.

2. L-armonizzazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi f'dan il-qasam twettqet permezz tad-Direttiva 2003/6/KE[3], li sussegwentement ġiet imħassra permezz tar-Regolament (UE) Nru 596/2014[4]. Dan tal-aħħar ikkompleta l-armonizzazzjoni tas-sistema ta' sanzjonijiet amministrattivi, filwaqt li d-Direttiva 2014/57/UE[5] armonizzat ukoll, iżda parzjalment biss, is-sanzjonijiet kriminali applikabbli mill-Istati Membri għal dan l-aġir[6].

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 Kawża C-524/15 (iktar 'il quddiem, "konklużjonijiet Menci").

3 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2003, dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 367).

4 Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU 2014, L 173, p. 1). Ir-Regolament Nru 596/2014 issostitwixxa d-Direttiva 2003/6 mit-3 ta' Lulju 2016.

5 Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (ĠU 2014, L 173, p. 179).

6 La r-Regolament Nru 596/2014 u lanqas id-Direttiva Nru 2014/57 ma huma applikabbli *ratione temporis* għall-każ preżenti, li l-fatti tagħhom imorru lura għall-2005.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali tal-1950 (iktar 'il quddiem, "KEDB")*

3. Il-Protokoll Nru 7 anness mal-KEDB, iffirmat fi Strasbourg fit-22 ta' Novembru 1984 (iktar 'il quddiem, "Protokoll Nru 7"), jirregola fl-Artikolu 4 tiegħu id-"dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn", f'dawn it-termini:

"1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skond il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inkwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.

3. Ebda deroga minn dan l-Artikolu ma għandha ssir taħt l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni."

### *B. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*

4. Skont l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"):

"L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skont il-liġi."

5. L-Artikolu 52 jiddetermina l-portata u l-interpretazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji pprovduti fil-Karta:

"1. Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

[...]

3. Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva.

4. Safejn din il-Karta tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, dawk id-drittijiet għandhom ikunu interpretati f'armonija ma' dawk it-tradizzjonijiet.

[...]

6. Għandha tittieħed kunsiderazzjoni sħiħa tal-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali kif speċifikat f'din il-Karta."

*2. Leġiżlazzjoni sekondarja fil-qasam tal-abbuż tas-suq*

*a) Id-Direttiva 2003/6*

6. Id-Direttiva 2003/6 armonizzat id-dispożizzjonijiet materjali li jirregolaw l-azzjonijiet ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq, filwaqt li ppreskriviet ukoll l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu sanzjonijiet amministrattivi fuq dawn it-tipi ta' aġir illegali, irrispettivament mill-prosekuzzjoni kriminali tagħhom permezz tad-dritt intern.

7. Il-premessa 38 tipprovdi:

"Sabiex jiġi assigurat li kwadru Komunitarju kontra abbuż tas-suq huwa suffiċjenti, kull ksur tal-projbizzjonijiet jew tal-ħtiġiet stabbiliti skond din id-Direttiva jkollhom jiġu ntraċċati u mogħtija sanzjoni. Għal dan l-iskop, sanzjonijiet għandhom ikunu dissważivi biżżejjed u proporzjonati għall-gravità tal-ksur u għall-gwadanni realizzati u għandhom ikunu applikati b'mod konsistenti".

8. Fir-rigward tal-azzjonijiet ta' tixtrid ta' informazzjoni privileġġata, l-Artikolu 2(1) jipprovdi hekk:

"L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lil kull persuna msemmija fit-tieni subparagrafu li għandha informazzjoni minn ġewwa milli tuża dik l-informazzjoni billi takkwista jew tiddisponi minn, jew billi tipprova takkwista jew tiddisponi minn, għall-kont proprju jew għall-kont ta' parti terza, jew direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li tirrelata għalihom l-informazzjoni.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal kwalunkwe persuna li tippossjedi dik l-informazzjoni:

a) permezz tas-sħubija tiegħu tal-korpi amministrattivi, ta' ġestjoni jew ta' sorveljanza ta' min joħroġha; jew

b) permezz ta' l-assi finanzjarji fil-kapital ta' min joħroġha; jew

c) billi jkollha aċċess għall-informazzjoni permezz ta' l-eżerċizzju ta' l-impjieg, il-professjoni jew id-dmirijiet tagħha; jew

d) permezz ta' l-attivitajiet kriminali tagħha."

9. L-Artikolu 2 huwa kkompletat permezz tal-Artikolu 3, skont liema:

"L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lil kull persuna soġġetta għall-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 milli:

a) tiżvela informazzjoni minn ġewwa lil xi persuna oħra sakemm dan l-iżvelar ma jsirx fl-eżerċizzju normali ta' l-impjieg, il-professjoni jew id-dmirijiet tagħha;

b) tirrakkomanda jew tinduċi persuna oħra, abbażi ta' informazzjoni minn ġewwa, sabiex takkwista jew tiddisponi minn strumenti finanzjarji li tirrelata għalihom dik l-informazzjoni."

10. L-Artikolu 14(1) jipprovdi:

“Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta’ Stati Membri li jimponu sanzjonijiet kriminali, Stati Membri għandhom jassiguraw, in konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li l-miżuri amministrattivi approprjati jistgħu jittieħdu jew sanzjonijiet amministrattivi jiġu imposti kontra l-persuni responsabbli meta ma jkunx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li dawn il-miżuri huma effettivi, proporzjonati u dissważivi.”

*b) Ir-Regolament Nru 596/2014*

11. Skont il-premessa 71 tiegħu:

“[…] sett ta’ sanzjonijiet u miżuri amministrattivi oħrajn għandu jkun previst minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fl-Istati Membri u sabiex jiġi mtejjeb l-effett dissważiv tagħhom. Il-possibilità ta’ projbizzjoni mill-eżerċizzju ta’ funzjonijiet maniġerjali fi ħdan ditti tal-investiment għandha tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti. Is-sanzjonijietimposti f’każijiet speċifiċi għandhom ikunu determinati billi jittieħdu in kunsiderazzjoni, fejn xieraq, fatturi bħad-disgorgement ta’ kwalunkwe benefiċċju finanzjarju identifikat, kemm ikun serju u kemm idum ksur, kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti, il-ħtieġa li l-multi jkollhom effett deterrenti u, fejn xieraq, jinkludu skont għal kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti. B’mod partikolari, l-ammont attwali ta’ multi amministrattivi li għandu jiġi impost f’każ speċifiku jista’ jilħaq il-livell massimu previst f’dan ir-Regolament, jew l-ogħla livell previst fil-liġi nazzjonali, għal ksur serju ħafna, filwaqt li multi ferm aktar baxxi mil-livell massimu jistgħu jiġu applikati għal ksur minuri jew f’każ ta’ ftehim. Dan ir-Regolament ma jillimitax il-ħila tal-Istati Membri li jistipulaw sanzjonijiet amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħrajn ogħla.”

12. Il-premessa 72 tipprovdi:

“Għalkemm xejn ma jzomm lill-Istati Membri milli jistabbilixxu regoli għal sanzjonijiet amministrattivi kif ukoll għal sanzjonijiet kriminali fuq l-istess ksur, huma m’għandhomx ikunu obbligati li jistabbilixxu regoli għal sanzjonijiet amministrattivi għal ksur ta’ dan ir-Regolament li jkun diġà soġġett għal-liġi kriminali nazzjonali sat-3 ta’ Lulju 2016. F’konformità mal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri mhumiex obbligati jimponu sanzjonijiet kemm amministrattivi u kriminali għall-istess reat, iżda huma jistgħu jagħmlu dan jekk il-liġi nazzjonali tagħhom tippermetti dan. Madankollu, iż-żamma ta’ sanzjonijiet kriminali minflok sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur ta’ dan ir-Regolament jew tad-Direttiva 2014/57/UE m’għandhiex tnaqqas jew taffettwa b’xi mod ieħor il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jikkooperaw u jaċċedu u jiskambjaw informazzjoni fil-ħin ma’ awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, inkluż wara kwalunkwe riferiment tal-ksur rilevanti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għal prosekuzzjoni kriminali”.

13. Skont il-premessa 77:

“Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Karta). Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jkun interpretat u applikat bi qbil ma’ dawk id-drittijiet u prinċipji […]”.

14. L-Artikolu 14 jittratta l-projbizzjoni tal-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-iżvelar illegali tal-informazzjoni privileġġata, filwaqt li jipprovdi li:

“Persuna m’għandhiex:

a) tinvolvi ruħha jew tagħmel tentattiv ta’ involviment f’abbuż minn informazzjoni privileġġata;

b) tirrakkomanda li persuna oħra tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata jew tinduċi lil persuna oħra tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata; jew

c) twettaq żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata."

15. F'dak li jirrigwarda t-tranżazzjonijiet b'informazzjoni privileġġata u r-rakkomandazzjonijiet sabiex terzi jwettqu dawn it-tranżazzjonijiet, l-Artikolu 8 jipprovdi dan li ġej:

"1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-abbuż minn informazzjoni privileġġata ssir meta persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u tuża dik l-informazzjoni billi takkwista jew tagħmel ċessjoni, għall-kont tagħha jew għall-kont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li dik l-informazzjoni tkun relatata magħhom. […]

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, rakkomandazzjoni biex persuna oħra ssir involuta f'abbuż minn informazzjoni privileġġata, jew persważjoni fil-konfront ta' persuna oħra biex tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata isseħħ meta l-persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u:

a) tirrakkomanda, abbażi ta' dik l-informazzjoni, li persuna oħra takkwista jew tagħmel ċessjoni minn strumenti finanzjarji li hija relatata magħhom dik l-informazzjoni, jew tinduċi lil dik il-persuna biex tagħmel tali akkwist jew ċessjoni, jew

b) tirrakkomanda, abbażi ta' dik l-informazzjoni, li persuna oħra tikkanċella jew temenda ordni li tikkonċerna strument finanzjarju li hija relatata magħhom dik l-informazzjoni, jew tinduċi lil dik il-persuna biex tagħmel tali kanċellazzjoni jew emenda.

3. L-użu tar-rakkomandazzjonijiet jew il-persważjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jitqiesu bħala abbuż minn informazzjoni privileġġata skont it-tifsira f'dan l-Artikolu meta l-persuna li tuża r-rakkomandazzjoni jew il-persważjoni taf, jew imissha tkun taf, li huma bbażati fuq informazzjoni privileġġata.

[…]"

16. Fir-rigward tal-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, l-Artikolu 10 jistabbilixxi:

"1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jirriżulta meta persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u tiżvela dik l-informazzjoni lil kwalunkwe persuna oħra, ħlief meta l-iżvelar isir waqt it-twettiq normali ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet.

[…]"

17. L-Artikolu 30 jirregola s-sanzjonijiet u miżuri amministrattivi oħra f'dawn it-termini:

"1. Bla ħsara għal sanzjonijiet kriminali u bla ħsara għas-setgħat superviżorji ta' awtoritajiet kompetenti taħt l-Artikolu 23, l-Istati Membri, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jimponu sanzjonijiet amministrattivi xierqa u jieħdu miżuri amministrattivi oħrajn fir-rigward ta' mill-inqas il-ksur li ġej:

a) ksur tal-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 16(1) u (2), l-Artikolu 17(1), (2), (4) u (5), u (8), l-Artikolu 18(1) sa (6), l-Artikolu 19(1), (2), (3), (5), (6), (7) u (11) u l-Artikolu 20(1); u

b) nuqqas ta' kooperazzjoni jew konformità ma'investigazzjoni jew ma' spezzjoni jew talba kif jingħad fl-Artikolu 23(2).

L-Istati Membri jistgħu„ jiddeċiedu li jistabbilixxu regoli għal sanzjonijiet amministrattivi kif jingħad fl-ewwel subparagrafu meta l-ksur imsemmi fil-punt (a) jew il-punt (b) ta' dak is-subparagrafu diġà jkun soġġett għal sanzjonijiet kriminali fil-liġi nazzjonali tagħhom sat-3 ta' Lulju 2016. Fejn jiddeċiedu dan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, fid-dettall, lill-Kummissjoni u lill-ESMA bil-partijiet rilevanti tal-liġi kriminali tagħhom.

Sat-3 ta' Lulju 2016, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu lill-Kummissjoni u lill-ESMA. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li ssirilhom.

2. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jimponu mill-inqas is-sanzjonijiet amministrattivi li ġejjin jew jieħdu mill-inqas il-miżuri amministrattivi li ġejjin f'każ tal-ksur imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1: […]".

*c) Id-Direttiva 2014/57*

18. Skont il-premessi 22, 23 u 27:

"(22) L-obbligi li f'din id-Direttiva li jiġu previsti pieni fuq persuni fiżiċi u sanzjonijiet fuq persuni ġuridiċi fil-liġi nazzjonali tagħhom ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu fil-liġi nazzjonali għal sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra għall-ksur previst fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 ħlief jekk l-Istati Membri jkunu ddeċidew, b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 596/2014, li jipprevedi biss sanzjonijiet kriminali għal tali ksur fil-liġi nazzjonali tagħhom.

(23) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva huwa determinat b'tali mod li jikkomplementa u jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. Billi r-reati għandhom ikunu punibbli skont din id-Direttiva meta jitwettqu b'intenzjoni u għall-inqas f'każijiet serji, is-sanzjonjiet għall-ksur tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 ma jirrikjedux li l-intenzjoni tiġi ppruvata jew li jiġu kkwalifikati bħala serji. Fl-applikazzjoni tal- liġi nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali abbażi tar-reati previsti minn din id-Direttiva u tas-sanzjonijiet amministrattivi b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 596/2014 ma twassalx għal ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem.*

[…]

(27) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) kif stabbiliti fit-TFUE. B'mod speċifiku, hija għandha tiġi applikata bir-rispett dovut għad-dritt […] li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat (Artikolu 50)."

19. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta' tixrid ta' informazzjoni privileġġata u r-rakkomandazzjoni jew it-tħeġġiġ lil ħaddieħor sabiex jitwettqu dawn it-tranżazzjonijiet, l-Artikolu 3 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, ir-rakkomandazzjoni jew it-tħeġġiġ lil ħaddieħor biex jinvolvi ruħu f'abbuż minn informazzjoni privileġġata msemmi fil-paragrafi 2 sa 8, jikkostitwixxu reati kriminali għall-inqas f'każijiet serji u meta mwettqa intenzjonalment.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-abbuż minn informazzjoni privileġġata sseħħ meta persuna jkollha informazzjoni privileġġata u tuża dik l-informazzjoni billi takkwista jew tagħmel ċessjoni ta', akkont tagħha jew akkont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li magħhom tkun marbuta dik l-informazzjoni.

3. Dan l-Artikolu japplika għal kwalunkwe persuna li jkollha informazzjoni privileġġata minħabba li:

[...]

c) ikollha aċċess għall-informazzjoni permezz tal-eżerċizzju ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet; jew

[...]

Dan l-Artikolu japplika wkoll għal kwalunkwe persuna li kisbet informazzjoni privileġġata f'ċirkostanzi għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu meta dik il-persuna tkun taf li hija informazzjoni privileġġata."

20. L-Artikolu 4(1) jistabbilixxi li:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-manipulazzjoni tas-suq msemmija fil-paragrafi 2 sa 5 tikkostitwixxi reati kriminali għall-inqas f'każijiet serji u meta mwettqa intenzjonalment."

21. Skont l-Artikolu 7, dwar sanzjonijiet kriminali rigward persuni fiżiċi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 jkunu punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji sabiex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 5 jkunu punibbli b'terminu ta' priġuneria massimu ta' mill-inqas erba' snin.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji sabiex jiżguraw li r-reat imsemmi fl-Artikolu 4 jkun punibbli b'terminu ta' priġuneria massimu ta' mill-inqas sentejn."

22. B'mod konformi mal-Artikolu 13(1), l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-direttiva sat-3 ta' Lulju 2016.

## *C. Id-dritt Taljan*

23. Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 58/1998, Testo unico delle disposizioni in materia di intermediazione finanziaria (Test uniku ta' dispożizzjonijiet dwar l-intermedjazzjoni finanzjarja; iktar 'il quddiem, "TUF"), fil-verżjoni tal-Artikolu 184 applikabbli għall-fatti kif ġej:

"1. Għandha tingħata sentenza ta' priġunerija ta' bejn sena u sitt snin u multa ta' bejn EUR 20 000 u EUR 3 000 000 lil dawk li, waqt li jkollhom informazzjoni privileġġata minħabba li jkunu membri ta' korpi amministrattivi, ta' ġestjoni jew ta' kontroll tal-emittent, minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kapital tal-emittent jew minħabba t-twettiq ta' attività ta' xogħol, ta' professjoni jew funzjoni, inkluż ta' natura pubblika, jew pożizzjoni:

a) jakkwistaw jew ibigħu strumenti finanzjarji jew iwettqu tranżazzjonijiet oħra fuqhom, direttament jew indirettament, f'isimhom jew f'isem terzi, billi jużaw dik l-informazzjoni;

b) jikkomunikaw dik l-informazzjoni lil terzi, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-twettiq normali tax-xogħol, il-professjoni, il-funzjoni jew il-pożizzjoni;

c) jagħtu rakkomandazzjonijiet lil terzi sabiex iwettqu kwalunkwe waħda mit-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jew iħeġġuhom sabiex jagħmlu dan, fuq il-bażi ta' tali informazzjoni.

2. Għandha tingħata l-piena ppprovduta fil-paragrafu 1 lil dawk waqt li jkollhom informazzjoni privileġġata bil-għan li jippreparaw jew iwettqu attivitajiet kriminali, iwettqu xi waħda mill-atti msemmija f'dak il-paragrafu 1. […]"

24. It-TUF ġie mibdul permezz tal-legge 18 aprile 2005, n. 62, disposizioni per l'adempimento di obblighi derivanti dall'appartenenza dell'Italia alle Comunità europee, legge comunitaria 2004 (Liġi Nru 62/2005, tat-18 ta' April, dispożizzjonijiet maħsuba għall-implementazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija tal-Italja fil-Komunità Ewropea, il-liġi Komunitarja tal-2004), sabiex isaħħaħ is-setgħat tal-Consob, u jattribwilha, fost l-oħrajn, setgħa ta' għoti ta' sanzjonijiet amministrattivi awtonoma kontra l-azzjonijiet ta' tixrid ta' informazzjoni privileġġata. B'mod speċifiku, din il-liġi introduċiet fit-TUF l-Artikolu 187*a*, li t-test tiegħu huwa kif ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet kriminali meta l-att jikkostitwixxi reat, għandha tingħata multa amministrattiva ta' bejn EUR 100 000 u EUR 15 000 000, lil dawk li, waqt li jkollhom informazzjoni privileġġata minħabba l-istatus tagħhom bħala membri tal-korpi amministrattivi, ta' ġestjoni jew ta' kontroll tal-emittent, minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kapital tal-emittent jew minħabba t-twettiq ta' attività ta' xogħol, professjoni jew funzjoni, inkluż ta' natura pubblika, jew pożizzjoni:

a) jakkwistaw jew ibigħu strumenti finanzjarji jew iwettqu tranżazzjonijiet oħra fuqhom, direttament jew indirettament, f'isimhom jew f'isem terzi, billi jużaw dik l-informazzjoni;

b) jikkomunikaw dik l-informazzjoni lil terzi, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-twettiq normali tax-xogħol, il-professjoni, il-funzjoni jew il-pożizzjoni;

c) jagħtu rakkomandazzjonijiet lil terzi sabiex iwettqu kwalunkwe waħda mit-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jew iħeġġuhom sabiex jagħmlu dan, fuq il-bażi ta' tali informazzjoni.

2. Għandha tingħata s-sanzjoni pprovduta fil-paragrafu 1 lil dawk li waqt li jkollhom informazzjoni privileġġata bil-għan li jippreparaw jew iwettqu attivitajiet kriminali, iwettqu xi waħda mill-atti msemmija f'dak il-paragrafu 1.

[…]

4. Is-sanzjoni pprovduta fil-paragrafu 1 għandha tiġi imposta wkoll fuq dawk li, waqt li jkollhom informazzjoni privileġġata u jkunu jafu jew jistgħu jsiru jafu, b'diliġenza ordinarja, in-natura privileġġata tal-informazzjoni li jkollhom, iwettqu kwalunkwe wada mill-atti deskritti fil-paragrafu msemmi. […]"

25. Skont l-Artikolu 187k (1) tat-TUF:

"Il-proċedura amministrattiva ta' verifika u l-proċedura ta' oppożizzjoni pprovduti fl-Artikolu 187f ma minħabba l-fatt li jkun hemm proċeduri kriminali pendenti li s-suġġett tagħhom ikunu l-istess fatti jew fatti li d-determinazzjoni tagħhom tiddependi fuq id-deċiżjoni korrispondenti."

26. L-Artikolu 187l (1) tat-TUF jippreċiża:

"Meta tkun ingħatat sanzjoni amministrattiva pekunjarja fis-sens tal-Artikolu 187f għall-istess att lit-trasgressur jew lill-persuna ġuridika […] il-ħlas tal-piena pekunjarja u tas-sanzjoni pekunjarja li jirriżultaw mir-reat għandu jkun limitat għall-parti li taqbeż dak miġbur mill-awtorità amministrattiva".

27. Skont l-Artikolu 654 tal-codice di procedura penale (Kodiċi ta' Proċedura Kriminali), sentenza kriminali irrevokabbli ta' kundanna jew ta' liberazzjoni jkollha effetti ta' *res judicata* fil-proċedura ċivili jew amministrattiva kontra l-akkużat, il-parti ċivili u l-uffiċjal ċivili li jkunu dehru jew intervjenew fil-proċedura kriminali.

## II. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

28. Skont ir-rapport tal-fatti li l-Consob issanzjonat[7], A. Zecca u E. Di Puma akkwistaw ċerti azzjonijiet billi approfittaw minn informazzjoni privileġġata. B'mod speċifiku, A. Zecca, bħala direttur tat-taqsima "Transaction Services" ta' Deloitte Financial Advisory Services S.p.a., kellu dik l-informazzjoni dwar proġett ta' offerta pubblika ta' xiri tal-azzjonijiet ta' Guala Closures S.p.a. Huwa kellu wkoll informazzjoni riżervata dwar proġett ta' teħid ta' kontroll ta' Permasteelisa S.p.a.

29. Fl-2008, A. Zecca għadda din l-informazzjoni lil E. Di Puma, u ħeġġu jixtri azzjonijiet f'dawk iż-żewġ kumpanniji. Fil-fatt, dan tal-aħħar xtara 4 000 azzjoni ta' Guala Closures fit-30 ta' Settembru 2008 u, bl-għajnuna ta' A. Zecca, 2 375 azzjoni ta' Permasteelisa, fl-14 u fis-17 ta' Ottubru 2008.

30. Il-Consob, wara li bdiet proċedura amministrattiva fis-17 ta' Settembru 2009, permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2012 issanzjonat lil A. Zecca, bħala l-awtur ta' reat li jaqa' taħt l-Artikolu 187a(1)(a) u (c) tat-TUF, u imponiet fuqu: (i) multa ta' EUR 100 000 talli ħeġġeġ lil E. Di Puma jixtri azzjonijiet f'Guala Closures; (ii) multa oħra ta' EUR 100 000 talli pprovda informazzjoni privileġġata lil E. Di Puma dwar il-proġett ta' teħid ta' kontroll ta' Permasteelisa; (iii) it-tielet multa ta' EUR 100 000 għall-akkwist ta' 2 375 azzjoni ta' Permaasteelisa; u iv) skwalifika temporanja, għal sitt xhur, mit-twettiq ta' ċerti funzjonijiet f'kumpanniji kkwotati fil-borża[8].

31. Fl-istess deċiżjoni, il-Consob imponiet fuq E. Di Puma, skont l-Artikolu 187a(4) u (1)(a) tat-TUF: i) multa ta' EUR 100 000 għax-xiri ta' azzjonijiet f'Guala Closures; (ii) multa oħra ta' EUR 100 000 għall-akkwist tal-azzjonijiet ta' Permaasteelisa; u iii) l-iskwalifika temporanja għal tliet xhur mit-twettiq ta' ċerti pożizzjonijiet f'kumpanniji elenkati.

32. Il-persuni ssanzjonati kkontestaw, b'riżultat differenti, id-deċiżoni tal-Consob quddiem il-Corte di Appello di Milano — Sezione Civile (qorti tal-appell ta' Milan, Sezzjoni Ċivili). L-appell ta' E. Di Puma ġie miċħud (sentenza tal-4 ta' April 2013), filwaqt li dak ta' A. Zecca ġie milqugħ (sentenza tat-23 ta' Awwissu 2013), fejn dik il-qorti sabet inammissibbiltà formali fil-komunikazzjoni tal-akkużi, u għalhekk iddikjarat li s-sanzjonijiet imposti kienu estinti.

33. Iż-żewġ sentenzi ġew ikkontestati fil-kassazzjoni, l-ewwel waħda minn A. Zecca u, it-tieni waħda, mill-Consob. Il-Corte suprema di cassazione (qorti suprema, l-Italja), qabel ma tiddeċiedi l-appelli rispettivi, tagħmel d-domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

7 Kif se jiġi spjegat iktar 'il quddiem, il-qorti kriminali Taljana skaġunat liż-żewġ awturi allegati tar-reat ta' abbuż mis-suq.

8 Barra minn hekk, hija ordnat il-konfiska tal-assi tiegħu għall-ammont ta' EUR 23 106.25, ekwivalenti għall-profitt iġġenerat mill-ksur imwettaq, skont l-Artikolu 187a(4) tat-TUF.

34. Barra minn hekk, fit-2 ta' Diċembru 2011, il-Consob bagħtet rapport lill-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Milan bir-riżultati tal-investigazzjonijiet tagħha dwar l-azzjonijiet ta' A. Zecca u E. Di Puma. Fil-proċedura kriminali li nbdiet fuq il-bażi ta' din il-komunikazzjoni, it-Tribunale di Milano — Sezione penale (qorti ta' Milan, diviżjoni kriminali) skaġunathom mir-reat li jaqa' taħt l-Artikolu 184 tat-TUF, minħabba n-nuqqas ta' eżistenza tal-fatti allegati. Is-sentenza (Nru. 6625 tal-2014) ma ġietx appellata mill-Uffiċċju tal-Prosekutur, u għalhekk saret finali [9].

35. A. Zecca u E. Di Puma semmew din is-sentenza kriminali li tiskaġunahom fl-appelli kontra s-sanzjonijiet ta' Consob. Huma jsostnu, b'mod partikolari, li t-Tribunale di Milano — Sezione penale (qorti ta' Milan, diviżjoni kriminali) skaġunathom mir-reat imsemmi fl-Artikolu 184 tat-TUF, minħabba n-nuqqas ta' eżistenza tal-fatti allegati, u li din is-sentenza kienet saret finali. Peress li l-azzjoni deskritta f'dak l-artikolu hija identika għal dik deskritta bħala ksur amministrattiv fl-Artikolu 187a tat-TUF [10], użat mill-Consob sabiex tissanzjonahom, huma jemmnu li huma esposti għal żewġ proċeduri għall-istess att, bil-ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 u l-Artikolu 50 tal-Karta.

36. Il-Corte suprema di cassazione (qorti suprema), wara li aċċettat it-talba tas-sentenza kriminali ta' skaġun sabiex tieħu deċiżjoni dwar l-effett eventwali ta' *res judicata* fir-rigward tas-sanzjonijiet imposti mill-Consob, tfakkar li, fis-sentenza tal-4 ta' Marzu 2014, Grande Stevens *et* vs L-Italja [11] il-QEDB iddikjarat li d-dispożizzjonijiet Taljani li jissanzjonaw bħala ksur amministrattiv il-manipulazzjoni tas-suq ma humiex kompatibbli mad-dritt li wieħed ma jistax jiġi kkundannat darbtejn għal aġir li huwa identiku mill-perspettiva materjali.

37. Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-estensjoni ta' din il-ġurisprudenza tal-QEDB għall-Artikolu 50 tal-Karta, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson [12].

38. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte Suprema di Cassazione (qorti suprema, l-Italja) tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja ż-żewġ domandi preliminari li ġejjin, identiċi għaż-żewġ proċeduri:

"1) L-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ladarba deċiżjoni definittiva tkun ikkonstatat li l-fatti li jikkostitwixxu reat kriminali ma ġewx stabbiliti, u mingħajr ma hemm bżonn ta' evalwazzjoni ġdida mill-qorti nazzjonali, l-ebda proċedura oħra intiża għall-adozzjoni ta' sanzjonijiet li, min-natura u l-gravità tagħhom, għandhom jiġu kklassifikati bħala sanzjonijiet penali ma tista' tinbeda jew titkompla għall-istess fatti?

2) Il-qorti nazzjonali, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tan-natura effettiva, proporzjonata u dissważiva tas-sanzjonijiet, għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-ksur tal-prinċipju *ne bis in idem* imsemmi fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-limiti ta' piena li jirriżultaw mid-Direttiva 2014/57/UE?"

9 Il-Consob, li aġixxiet fil-proċessi kriminali bħala parti ċivili, appellat, iżda l-kontestazzjoni tagħha, skont il-qorti tar-rinviju, ma taffettwax il-finalità tas-sentenza.

10 Fiż-żewġ każijiet, hija ssanzjonata, kemm bħala reat kif ukoll bħala ksur amministrattiv, l-azzjoni tal-akkwist u l-bejgħ mill-ġdid ta' azzjonijiet ta' kumpannija, wara li kien hemm għarfien ta' informazzjoni privileġġata dwarha.

11 QEDB, sentenza tal-4 ta' Marzu 2014 (CE:ECHR:2014:0304JUD001864010).

12 Kawża C-617/10, iktar 'il quddiem, "sentenza Åkerberg Fransson", EU:C:2013:105.

39. Saru osservazzjonijiet bil-miktub minn A. Zecca, E. Di Puma, il-Gvern tal-Italja, il-Gvern tal-Ġermanja u l-Gvern tal-Portugall, kif ukoll mill-Kummissjoni. Iż-żewġ kawżi ġew maqgħuda u assenjati lill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'seduta fit-30 ta' Mejju 2017, flimkien ma' dik tal-kawża Menci (C-524/15) u Garlsson Real State *et* (C-537/16). Fis-seduta saru osservazzjonijiet orali dwar dawn il-kawżi magħquda minn rappreżentanti ta' A. Zecca u E. Di Puma, il-Consob, il-Gvern Taljan u l-Gvern Ġermaniż, kif ukoll mill-Kummissjoni.

## III. Analiżi tad-domandi preliminari

40. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk, skont l-Artikolu 50 tal-Karta, is-sentenzi kriminali finali li jiddikjaraw in-nuqqas ta' eżistenza ta' aġir ta' reat ta' abbuż tas-suq jeskludux, il-ftuħ jew il-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe proċedura oħra ta' sanzjoni għall-istess atti, meta din il-proċedura tista' twassal għal sanzjonijiet li n-natura u l-gravità tagħhom tagħtihom natura kriminali.

41. Fit-tieni domanda, l-istess qorti tistaqsi jekk, sabiex tiġi evalwata n-natura effettiva, proporzjonata u dissważiva tas-sanzjonijiet, il-qorti nazzjonali għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni l-limiti stabbiliti mid-Direttiva 2014/57.

42. Qabel nissuġġerixxi risposta għal dawn id-domandi, naħseb li huwa xieraq li nagħmel tliet preċiżazzjonijiet. L-ewwel waħda hija li ma hemm ebda dubju li l-Artikolu 50 tal-Karta huwa applikabbli għall-każ preżenti, peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-abbuż tas-suq, li permezz tagħha ġew imposti s-sanzjonijiet ikkontestati, ġiet adottata mill-Istat Taljan sabiex tinkorpora d-Direttiva 2003/6 fid-dritt intern tiegħu.

43. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, f'dak li jirrigwarda l-aġir tal-Istati Membri, huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, skont liema d-dispożizzjonijiet tal-Karta huma indirizzati lil dawk biss meta dawn jimplementaw id-dritt tal-Unjoni. Id-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta għandhom jiġu rrispettati meta jiġu applikati r-regoli interni li, min-naħa tagħhom, jirriflettu jew jirriżultaw mir-regoli tal-Unjoni [13]. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar sitwazzjoni ġuridika li ma taqax taħt dak il-kamp ta' applikazzjoni, u d-dispożizzjonijiet tal-Karta ma jistgħux jiffurmaw il-bażi ta' tali ġurisdizzjoni waħedhom [14].

44. It-tieni preċiżazzjoni tikkonċerna l-għażla tal-leġiżlatur Taljan li jintroduċi, fl-2005, sistema bi proċeduri u sanzjonijiet doppji (amministrattivi u kriminali) sabiex jiskoraġġixxi l-aġir ta' abbuż tas-suq, skont id-Direttiva 2003/6.

45. Din is-sistema doppja, amministrattiva u kriminali (doppio binario sanzionatorio), għandha karatteristiċi li jagħmluha diffiċli li tkun kompatibbli mal-prinċipju ta' *ne bis in idem* tal-Artikolu 50 tal-Karta, kif tipprovdi l-qorti tar-rinviju. Kieku din is-sistema kienet ġiet stabbilita permezz tad-Direttiva 2003/6, kien ikollha tiġi kkunsidrata l-invalidità possibbli tagħha, preċiżament minħabba l-ksur eventwali tal-Artikolu 50 tal-Karta.

46. Fil-fehma tiegħi, madankollu, id-Direttiva 2003/6 ma tobbligax lill-Istati Membri jimplimentaw sistema doppja, amministrattiva u kriminali, sabiex jiskoraġġixxu dawn it-tipi ta' aġir illegali, u għalhekk ma naħsibx li din id-direttiva hija inkompatibbli mal-Artikolu 50 tal-Karta.

13 Sentenza Åkerberg Fransson, punti 18 sa 22.

14 Għalhekk, fl-Italja, is-sanzjonijiet fiskali u kriminali għal nuqqas ta' ħlas tat-taxxa fuq id-dħul ma jimplikawx l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Għal dik ir-raġuni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar deċiżjoni preliminari fil-kawża tal-15 ta' April 2015, Burzio (C-497/14, EU:C:2015:251).

47. Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Garlsson Real State *et*[15], jien neżamina l-kompatibbiltà tad-Direttiva 2003/6 mal-Artikolu 50 tal-Karta. Jiena nirreferi wkoll għas-sistema ġdida ta' sanzjonijiet applikabbli għall-azzjonijiet ta' abbuż tas-suq, introdott permezz tar-Regolament Nru 596/2014 u d-Direttiva 2014/57, li lanqas ma jeħtieġu lill-Istati Membri jużaw is-sistema doppja sabiex jiskoraġġixxu l-abbużi tas-suq u li għalhekk ma humiex inkompatibbli, mad-dritt ta' *ne bis in idem*.

48. It-tielet preċiżazzjoni tikkonċerna l-invokazzjoni tad-Direttiva 2014/57 u l-inammissibbiltà possibbli tat-tieni domanda preliminari. Il-Gvern Taljan isostni li din id-direttiva ma hijiex applikabbli *ratione temporis* għall-kawża, peress li l-avvenimenti ssanzjonati seħħew fl-2008 u ż-żmien għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/57 fil-liġijiet nazzjonali skada fit-3 ta' Lulju 2016.

49. Il-qorti tar-rinviju hija, ovvjament, konxja li d-Direttiva 2014/57 ma tapplikax għal dawn il-kawżi, għal raġunijiet ta' żmien. Għalhekk (it-tieni) domanda tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkonċernax l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva, iżda l-possibilità li mill-qafas regolatorju ġdid (id-Direttiva 2014/57 u r-Regolament Nru 596/2014) tittieħed informazzjoni utli sabiex tiġi eżaminata n-natura effettiva, proporzjonata u dissważiva tas-sanzjonijiet, fl-evalwazzjoni tal-ksur tal-prinċipju *ne bis in idem*[16]. Fuq il-bażi ta' din l-ispjegazzjoni, nemmen li t-tieni domanda hija ammissibbli.

### *A. L-ewwel domanda preliminari: applikazzjoni ta' ne bis in idem tal-Artikolu 50 tal-Karta għad-duplikazzjoni tal-proċeduri kriminali u amministrattivi għal tixrid ta' informazzjoni privileġġata*

50. Fil-konklużjonijiet Menci pprovdejt ir-riflessjonijiet tiegħi fid-dettall dwar:

– l-applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta għall-akkumulazzjoni ta' sanzjonijiet fiskali u kriminali, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, tas-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson u oħrajn preċedenti[17].

– Il-ġurisprudenza tal-QEDB dwar il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, kemm fir-rigward tal-identità tal-fatti kif ukoll ir-ripetizzjoni tal-proċeduri ta' sanzjonijiet[18].

– L-impatt tas-sentenza tal-QEDB, tal-15 ta' Novembru 2016, A u B vs in-Norveġja[19], fuq id-dritt tal-Unjoni[20].

– Il-possibbiltà ta' esplorazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) sabiex jiġi limitat id-dritt li persuna ma tiġix iġġudikata jew tingħata piena darbtejn għall-istess reat[21].

51. Naħseb li dawn l-istess riflessjonijiet jistgħu jiġu estrapolati, *mutatis mutandis*, sabiex tiġi interpretata l-portata tal-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 50 tal-Karta rigward id-duplikazzjoni ta' proċessi u sanzjonijiet, kriminali u amministrattivi, għall-istess fatt li jista' jiġi kklassifikat bħala tixrid ta' informazzjoni privileġġata. Għaldaqstant, ser nirreferi għalihom.

15 Konklużjonijiet tat-12 ta' Settembru 2017, C-537/16, punti 41 sa 51.

16 F'dan ir-rigward, hija tirrimarka li, jekk ikun hemm regola tad-dritt intern li tistabbilixxi sanzjoni kriminali li, fil-livell massimu tagħha, tkun ogħla mil-limitu indikat fid-Direttiva, tkun iggarantita l-effettività tad-dritt tal-Unjoni u, konsegwentement, sanzjoni amministrattiva ulterjuri twassal għall-ksur tal-Artikolu 50 tal-Karta.

17 Konklużjonijiet Menci, punti 27 sa 34.

18 *Ibidem*, punti 35 sa 56.

19 CE:ECHR:2016:1115JUD002413011

20 Punti 57 sa 77 tal-konklużjonijiet Menci.

21 *Ibidem*, punti 78 sa 94.

52. Il-qorti tar-rinviju, fl-ewwel domanda preliminari tagħha, tistaqsi jekk l-Artikolu 50 tal-Karta jawtorizzax proċedura amministrattiva sabiex jiġu ssanzjonati l-awturi ta' aġir illegali ta' tixrid ta' informazzjoni privileġġata, meta sentenza kriminali finali tkun iddikjarat preċedentement l-ineżistenza ta' dawn l-azzjonijiet.

53. L-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem*, kopert mill-Artikolu 50 tal-Karta, teħtieġ l-eżistenza ta' erba' kundizzjonijiet: 1) l-identiċità tal-persuna akkużata jew sanzjonata; 2) l-identiċità tal-fatti pproċessati (*idem*); (3) proċeduri doppji tas-sanzjonar (*bis*); u (4) il-finalità ta' waħda miż-żewġ deċiżjonijiet.

54. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju ma tidher li għandha ebda dubji rigward il-fatt li ż-żewġ akkużati jew sanzjonati għal aġir ta' tixrid ta' informazzjoni privileġġata, jiġifieri, A. Zecca u E. Di Puma, huma l-istess. Il-proċeduri kriminali li wasslu għas-sentenza ta' skaġun kienu indirizzati kontrihom, l-istess bħall-proċeduri amministrattivi, li fit-tmiem tagħhom il-Consob imponiet fuqhom is-sanzjonijiet ta' multi u skwalifika deskritti hawn fuq.

55. In-natura finali ta' waħda mid-deċiżjonijiet li ttemm waħda mill-proċeduri (f'dan il-każ, dik kriminali) lanqas ma hija qed tiġi diskussa. Fil-proċedura kriminali mibdija mill-Uffiċċju tal-Prosekutur kontra A. Zecca u E. Di Puma, it-Tribunale di Milano — Sezione penale (qorti ta' Milan, diviżjoni kriminali) skaġunathom mir-reat deskritt fl-Artikolu 184 tat-TUF, għal nuqqas ta' eżistenza tal-fatti attribwiti. Is-sentenza saret *res judicata*[22].

56. Il-fatt li l-fatti materjali tal-każ huma identiċi (*idem*) lanqas ma jidher li huwa kkontestat jew joħloq diffikultajiet għall-qorti *a quo*. Il-fatti li għalihom A. Zecca u E. Di Puma kienu pproċessati u skaġunati kriminalment huma l-istess (azzjoni ta' użu ta' informazzjoni privileġġata) li għalihom il-Consob imponiet sanzjonijiet amministrattivi fuqhom.

57. Għalhekk id-dubji tal-qorti tar-rinviju jirrigwardaw, id-duplikazzjoni jew ripetizzjoni tal-proċeduri ta' sanzjonijiet (*bis*). Huwa mixtieq li jiġi pprovdut jekk l-Artikolu 50 tal-Karta inkisirx meta, wara l-iskaġunar kriminali finali għal nuqqas ta' eżistenza tal-azzjoni punibbli, il-persuna skaġunata tistax xorta tkun suġġetta, għall-istess fatti, għall-proċedura dixxiplinarja tal-Consob (jew għat-tkomplija ta' dik diġà mibdija), li, eventwalment, twassal għal sanzjonijiet formali ta' natura amministrattiva li huma, attwalment, *sanzjonijiet* reali.

58. Kif diġà indikajt fil-konklużjonijiet Menci[23], il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-Artikolu 50 tal-Karta, użat dawk li jissejħu l-*kriterji Engel*, bħala parametri sabiex jiġi ddeterminat meta proċedura jew sanzjoni, fil-prinċipju ta' natura amministrattiva, ikollha natura kriminali[24].

59. *L-ewwel kriterju Engel* (il-klassifikazzjoni legali tal-ksur fid-dritt intern) ma huwiex wisq rilevanti f'dan il-każ, peress li d-dritt Taljan jikkwalifika l-proċeduri u s-sanzjonijiet tal-Consob bħala amministrattivi. Madankollu, dan ma għandux jimpedixxi l-analiżi ulterjuri tagħhom fid-dawl taż-żewġ kriterji l-oħra[25].

22 Il-Consob, bħala parti ċivili, appellat, iżda l-Corte suprema di cassazione (qorti suprema) tiddikjara b'mod ċar li "is-sentenza kriminali ta' skaġun tal-appellant saret finali" (paragrafu 8 tad-digriet tar-rinviju).

23 Punt 31.

24 Sentenzi Åkerberg Fransson, punt 35; u tal-5 ta' Ġunju 2012, Bonda (C-489/10, EU:C:2012:319), punt 37.

25 Punti 46 u 111.

60. It-*tieni kriterju Engel* jikkonċerna n-natura legali tal-ksur. Ksur nominalment amministrattiv, fir-realtà, ikollu natura kriminali jekk jissodisfa numru ta' fatturi (fost l-oħrajn, li l-piena tiegħu ssegwi finijiet ta' repressjoni u prevenzjoni u ma tkunx limitata għal kumpens għal danni materjali, u tissalvagwardja drittijiet legali li l-protezzjoni tagħhom normalment tkun żgurata permezz ta' regoli tal-liġi kriminali) li rreferejt għalihom fil-konklużjonijiet Menci [26].

61. Għall-qorti tar-rinviju, filwaqt li titqies in-natura tal-azzjoni illegali, il-ksur amministrattiv punibbli mill-Consob materjalment għandu natura kriminali, skont it-*tieni kriterju Engel*, u jiena naqbel. L-oġġetti protetti permezz tagħhom (l-Artikolu 187a tat-TUF) huma identiċi għal dawk protetti mit-tipi omonimi kriminali (l-Artikolu 184 tat-TUF). Permezz tat-tnejn li huma hemm l-intenzjoni li tiġi ssalvagwardjata l-integrità tas-swieq finanzjarji u l-fiduċja tal-poplu fis-sigurtà tat-tranżazzjonijiet. L-attribuzzjoni tal-kapaċità ta' għoti ta' sanzjonijiet lill-Consob sabiex tiskoraġġixxi dan it-tip ta' ksur għandha kemm għan ta' prevenzjoni (tiskoraġġixxi lil delinkwenti possibbli milli jwettqu aġir illegali ta' tixrid ta' informazzjoni privileġġata), kif ukoll ta' ripressjoni (tissanzjona lil dawk li jkunu wettqu dawn it-tipi ta' atti u timpedixxi li dawn jerġgħu jseħħu) [27].

62. It-*tielet kriterju Engel* jikkonċerna n-natura u s-severità tas-sanzjoni, evalwata skont il-kriterji li semmejt ukoll fil-konklużjonijiet Menci [28]. Minħabba l-firxa ta' sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-Consob u, b'mod partikolari, il-multi għoljin li jistgħu jiġu imposti, il-qorti tar-rinviju tirrikonoxxi li dawn huma sanzjonijiet li għandhom element kriminali ċar.

63. Is-severità tas-sanzjonijiet għandha tiġi evalwata fid-dawl ta' dik li tista' tiġi imposta *a priori* fuq il-persuna affettwata, u mhux kif finalment imposta jew eżegwita: it-tnaqqis sussegwenti possibbli tas-sentenza jew in-nuqqas ta' infurzar tagħha minħabba maħfra jkunu irrilevanti [29]. Bl-istess mod, l-applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta ma tiddependix fuq il-fatt li f'waħda mill-proċeduri tkun ingħatat deċiżjoni finali li tiddikjara r-responsabbiltà tal-persuna kkonċernata għall-ksur u timponi s-sanzjoni. Kif tipprovdi fid-digriet tagħha l-qorti tar-rinviju stess, l-effettività tar-regoli sanzjonatorji għandha dejjem tiġi evalwata fid-dawl tal-konstatazzjoni tal-ksur, b'tali mod li, jekk ikun ġie deċiż li tali ksur ma jeżistix, ma għandu jkun hemm ebda kwistjoni rigward l-effettività tas-sanzjonijiet.

64. Fil-fehma tiegħi, l-applikazzjoni tad-dritt għal *ne bis in idem* tal-Artikolu 50 tal-Karta tipprekludi l-bidu jew il-kontinwazzjoni ta' proċedura amministrattiva ta' sanzjoni għall-istess aġir, wara li t-trasgressuri jkunu ġew skaġunati permezz ta' deċiżjoni finali fi proċedura kriminali. Il-kontenut essenzjali tal-Artikolu 50 tal-Karta jiddgħajjef biss jekk jitqiesu biss d-deċiżjonijiet sanzjonatorji u mhux dawk ta' skaġunar, meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

65. Jekk jiġi aċċettat in-nuqqas ta' rilevanza tad-deċiżjonijiet li jiskaġunaw fir-rigward ta' *ne bis in idem*, ħadd ma jgawdi miċ-ċertezza legali pprovduta minn dan id-dritt, li jinkludi l-garanzija li persuna ma tiġix ipproċessata jew tingħata sanzjoni wara sentenza kriminali finali li tiskaġunaha. L-Istat ma jistax jattiva s-setgħa represssiva tiegħu darbtejn, għall-istess fatti, kontra individwu li ġie skaġunat b'mod definittiv fi proċedura kriminali. Din il-projbizzjoni tapplika kemm għal proċedura kriminali ġdida kif ukoll għal proċedura amministrattiva li twassal għal sanzjonijiet materjalment kriminali.

26 *Ibidem*, punti 47 u 112 sa 115.

27 F'dan l-istess sens, QEDB, sentenza tal-4 ta' Marzu 2014, Grande Stevens *et* vs L-Italja (CE:ECHR:2014:0304JUD001864010), § 96.

28 Punti 48 u 119.

29 QEDB, sentenza tal-4 ta' Marzu 2014, Grande Stevens *et* vs L-Italja (CE:ECHR:2014:0304JUD001864010), §§ 97 u 98.

66. F'dan is-sens, il-QEDB ikkonfermat li l-garanzija inerenti għan-*ne bis in idem* hija applikabbli mhux biss għall-każijiet ta' kundanna doppja, iżda wkoll għal dawk ta' kriminalità doppja, jiġifieri, dawk li kienu s-suġġett ta' akkużi li ntemmu mingħajr kundanna. Hija sostniet ukoll li, huwa irrilevanti jekk il-proċedura amministrattiva tiġix qabel jew wara l-proċeduri kriminali, jekk l-ewwel sanzjoni tiġix ikkumpensata permezz ta' dik applikata fit-tieni proċedura, jew jekk il-persuna kkonċernata tkunx ġiet skaġunata fl-aħħar tat-tieni jew tal-ewwel proċedura [30].

67. Minn perspettiva oħra, id-dritt għal *ne bis in idem* tal-Artikolu 50 tal-Karta jissalvagwardja ċ-ċertezza legali tal-individwi, sabiex id-deċiżjonijiet ġudizzjarji finali li jkunu ta' benefiċċju għalihom ma jistgħux jiġu kontradetti minn aġir sussegwenti tal-Amministrazzjoni, b'kontenut sanzjonatorju. Ir-rispett għall-istatus ta' *res judicata* tas-sentenzi kriminali (finali) ta' skaġun ikun miksur jekk awtorità amministrattiva, bħall-Consob, tkun tista' tinjorahom, u tqis li l-istess fatti li ġew iddikjarati ineżistenti mill-qorti kriminali huma fatti pprovati.

68. Il-qorti tar-rinviju stess tirreferi, fid-digriet tagħha, għal din l-interazzjoni bejn *ne bis in idem* u l-effett ta' *res judicata*. Hija tenfasizza r-riskju ta' sentenzi kontradittorji rigward l-azzjonijiet ta' A. Zecca u E. Di Puma, jekk is-sentenza finali ta' skaġun tal-qorti kriminali Taljana ma timpedixxix lill-Consob milli tadotta kontrihom sanzjonijiet amministrattivi, b'risposta għall-istess fatti ta' tixrid ta' informazzjoni privileġġjata [31].

69. Fir-rigward ta' dan il-każ, huwa meħtieġ li wieħed ifakkar il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-importanza, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u fis-sistemi legali nazzjonali, tal-prinċipju ta' *res judicata*. Sabiex jiġu ggarantiti kemm l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa essenzjali li ma jkunx possibbli jitqajmu dubji fir-rigward ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara li jkunu ntużaw il-mezzi għal appell kollha disponibbli jew wara li jkunu skadew it-termini previsti għal dan il-għan [32].

70. Id-dritt tal-Unjoni ma jeħtieġx fil-każijiet kollha li qorti nazzjonali ma tapplikax ir-regoli proċedurali nazzjonali li jagħtu status ta' *res judicata* lil deċiżjoni, għalkemm dan jippermetti li jiġi rrimedjat ksur tad-dritt tal-Unjoni li fih tkun ingħatat ir-riżoluzzjoni inkwistjoni [33]. Fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, il-modalitajiet ta' implementazzjoni tal-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* huma rregolati mill-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar [34].

30 Il-QEDB tqis li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* huwa miksur minħabba li l-awtoritajiet tat-taxxa taw multa minkejja li l-qorti kriminali kienet skaġunat lit-trasgressuri fi proċeduri paralleli jew sussegwenti (sentenzi tat-30 ta' April 2015, Kapetanios *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:2015:0430JUD000345312; u tad-9 ta' Ġunju 2016, Sismanidis u Sitaridis vs Il-Greċja, CE:ECHR:2016:0609JUD006660209).

31 Il-qorti tar-rinviju tipprovdi li, kieku t-tieni proċedura kellha tkompli anki fil-preżenza ta' konstatazzjoni definittiva tal-ineżistenza tal-fatt li kkostitwixxa l-ksur, sabiex tippermetti l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet ulterjuri, ir-riżultat jista' jkun riskju ta' sentenzi kunfliġġenti fi ħdan l-Istat Membru, peress li sentenza kriminali ta' skaġunar tista' ssegwi kundanna għall-istess fatti, fir-rigward tar-reat amministrattiv u s-sanzjonijiet korrispondenti.

32 Ara, fost oħrajn, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2009, Fallimento Olimpiclub, (C-2/08, EU:C:2009:506), punt 22; tas-6 ta' Ottubru 2015, Târșia (C-69/14, EU:C:2015:662), punt 28; u tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen (C-505/14, ECLI:EU:C:2015:742), punt 38.

33 Sentenzi tas-16 ta' Marzu 2006, Kapferer (C-234/04, EU:C:2006:178), punt 22; tat-3 ta' Settembru 2009, Fallimento Olimpiclub (C-2/08, EU:C:2009:506), punt 23; tal-10 ta' Lulju 2014, Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067), punt 59; u tas-6 ta' Ottubru 2015, Târșia (C-69/14, EU:C:2015:662), punt 29.

34 Il-mekkaniżmu ta' implementazzjoni ma jistax ikun inqas favorevoli minn dak li jirregola sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ma għandhom ikunu strutturati b'tali mod li jagħmlu l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' effettività). Ara s-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti u dik tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen (C-505/14, ECLI:EU:C:2015:742), punt 40.

71. Din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-idea ta' hawn fuq, jiġifieri, li d-dritt għal *ne bis in idem* tal-Artikolu 50 tal-Karta jagħti setgħa lir-rispett tal-prinċipju ta' *res judicata* tas-sentenzi kriminali nazzjonali, filwaqt li jimpedixxi l-adozzjoni ta' sanzjonijiet sussegwenti b'kontenut li jmur kontra l-istess fatti. Għalhekk, ma jistax jitqies li l-ħtieġa li jiġu applikati sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, stabbilita fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/6 jew fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tfisser, għall-imħallfin nazzjonali, li huma obbligati li ma jirrispettawx l-effett ta' *res judicata* ta' sentenza finali ta' skaġun.

72. Finalment, nixtieq nirreferi għall-impatt possibbli li jista' jkollha din il-kawża fuq il-bidla fil-ġurisprudenza tal-QEDB fis-sentenza tagħha A u B vs In-Norveġja[35], mogħtija wara li saret talba għal deċiżjoni preliminari. Skont din is-sentenza, l-akkumulazzjoni ta' proċedura amministrattiva ta' sanzjoni u oħra kriminali ma tiksirx l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 meta jkun hemm rabta materjali u fiż-żmien qrib biżżejjed bejniethom. Xi partijiet, fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tagħhom, kienu favur l-estrapolazzjoni ta' din il-ġurisprudenza għall-applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta, sabiex jiġi ġġustifikat il-mudell Taljan ta' sistema doppja fir-ripressjoni tal-azzjonijiet ta' abbuż tas-suq.

73. Jiena ma naqbilx ma' dan l-argument, għar-raġunijiet li spjegajt f'iktar dettall fil-konklużjonijiet Menci[36]. Intenni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex taċċetta l-interpretazzjoni restrittiva tad-dritt għal *ne bis in idem* tal-Artikolu 50 tal-Karta, u tirrifjuta li ssegwi t-triq tal-bidla fil-ġurisprudenza tal-QEDB fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7. Għall-kuntrarju, hija għandha żżomm livell ta' protezzjoni iktar għoli ta' dan id-dritt, fid-dawl tas-sentenzi li ngħataw sa issa dwar l-Artikolu 50 tal-Karta.

74. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju, li tinsab f'pożizzjoni aħjar sabiex tevalwa jekk is-sanzjonijiet amministrattivi suġġetti għad-deċiżjoni tagħha għandhomx, verament, natura kriminali, issostni li dawk applikati mill-Consob għal A. Zecca u E. Di Puma għandhom din in-natura, u li l-ksur punit għandu l-istess skop bħar-reati ta' abbuż tas-suq. Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-*kriterji Engels* fil-kawża prinċipali twassal sabiex jiġi kkonstatat il-ksur tal-Artikolu 50 tal-Karta.

75. Skont din il-premessa, l-iktar deduzzjoni koerenti hija li regola interna bħar-regola Taljana dwar l-abbuż tas-suq tippermetti ripressjoni doppja, dik amministrattiva (iżda materjalment kriminali) u kriminali, għall-istess aġir illegali, mingħajr ma tipprovdi mekkaniżmu proċedurali ċar sabiex tiġi evitata l-kriminalità doppja u s-sanzjoni fuq it-trasgressuri. F'dan ir-rigward, tikser id-dritt għal *ne bis in idem* protett mill-Artikolu 50 tal-Karta, minħabba li tawtorizza proċedura amministrattiva sabiex tingħata sanzjoni lill-awturi ta' aġir illegali ta' tixrid ta' informazzjoni privileġġata, meta sentenza kriminali finali tkun iddikjarat preċedentement in-nuqqas ta' eżistenza ta' dawn l-azzjonijiet.

### *B. It-tieni domanda preliminari: il-ħtieġa li s-sanzjonijiet ikunu effettivi bħala limitazzjoni possibbli tad-dritt għal ne bis in idem tal-Artikolu 50 tal-Karta*

76. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-Corte suprema di cassazione (qorti suprema) tixtieq tkun taf jekk qorti nazzjonali għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni l-limiti sanzjonatorji stabbiliti bid-Direttiva 2014/57 sabiex tivvaluta n-natura effettiva, proporzjonata u dissważiva tas-sanzjonijiet u tiddetermina, skont dawn, jekk ikunx hemm ksur tal-Artikolu 50 tal-Karta.

35 CE:ECHR:2016:1115JUD002413011.

36 Punti 63 sa 73.

77. Il-qorti tar-rinviju tinterpreta s-sentenza Åkerberg Fransson fis-sens li l-qorti nazzjonali, fir-rigward tal-Artikolu 50 tal-Karta, hija obbligata li tevalwa n-natura effettiva, proporzjonata u dissważiva ta' sanzjonijiet "li jifdal" wara l-applikazzjoni tan-*ne bis in idem*. Għal dik l-evalwazzjoni, huwa meħtieġ li tkun taf jekk tistax tirreferi għal-limiti tal-pieni stabbiliti fid-Direttiva 2014/57[37].

78. Fuq il-bażi ta' din l-interpretazzjoni tas-sentenza Åkerberg Fransson, il-qorti tar-rinviju tipprovdi li, peress li sentenza kriminali ta' skaġunar (bħal dik li tirrigwarda lil A. Zecca u lil E. Di Puma) tinvolvi n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' sanzjonijiet fil-proċeduri kriminali, l-Artikolu 50 tal-Karta jista' ma jipprekludix l-impożizzjoni sussegwenti ta' sanzjonijiet amministrattivi (ta' natura kriminali), bħal dawk imposti minn Consob[38].

79. Ma naqbilx ma' din l-interpretazzjoni tas-sentenza Åkerberg Fransson. Fl-opinjoni tiegħi, mill-paragrafu 36[39] tagħha ma jistax jiġi dedott li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għal *ne bis in idem* tal-Artikolu 50 tal-Karta huwa dipendenti fuq, fil-każ ta' sentenza kriminali ta' skaġunar, il-fatt li jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet oħra li huma effettivi, proporzjonati u dissważivi, għall-istess fatti. Lanqas ma tirriżulta din il-kundizzjoni mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/6 jew l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2014/57.

80. Bħall-Kummissjoni, jiena tal-fehma li r-rekwiżit ta' sanzjonijiet effettivi ma joħloqx limitu fuq id-dritt għal *ne bis in idem* fl-Artikolu 50 tal-Karta. L-obbligu li jiġu applikati sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi jaqa' fuq l-Istati b'mod ġenerali u indipendentement minn jekk dawn jadottawx sistema doppja (kriminali u amministrattiva) jew unika (kriminali) sabiex jissanzjonaw l-abbuż tas-suq. Ikun xi jkun il-mekkaniżmu magħżul, is-sistema ta' sanzjonijiet għandha tkun effettiva u, fi kwalunkwe każ, tirrispetta d-dritt għal *ne bis in idem* kopert mill-Artikolu 50 tal-Karta.

81. Kif diġà pprovdejt fil-konklużjonijiet Menci[40] u Garlsson Real State *et*[41] hija biss il-klawżola orizzontali tal-Artikolu 52(1) tal-Karta li tippermetti li jiġi kkunsidrat jekk l-effettività tas-sanzjonijiet kontra l-aġir ta' tixrid ta' informazzjoni privileġġata tistax tiġi kklassifikata bħala "għan ta' interess ġenerali" li jista' jiġġustifika eċċezzjonijiet għall-Artikolu 50 tal-Karta[42].

82. Skont il-klawżola orizzontali tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1), tal-Karta, il-limitazzjoni tad-dritt għal *ne bis in idem* għandha tkun stabbilita bil-liġi u tirrispetta l-kontenut essenzjali tiegħu. Skont it-tieni sentenza tal-istess artikolu, bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet għan-*ne bis in idem* biss jekk tali limitazzjonijiet ikunu neċessarji u jekk effettivament jaqdu għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn[43].

37 Għalkemm din id-direttiva ma hijiex applikabbli *ratione temporis* għall-fatti tal-każ, tista' tintuża bħala element ermenewtiku addizzjonali (ara l-punti 49 u 50).

38 Id-*doppio binario sanzionatorio* jsib ġustifikazzjoni għall-ħtieġa li jiġu żgurati sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, b'reazzjoni għall-azzjonijiet ta' abbuż tas-suq. Il-Gvern Taljan, il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern Portugiż, l-istess bħall-Consob, argumentaw fl-osservazzjonijiet tagħhom li dawn il-karatteristiċi tas-sanzjonijiet jippermettu li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta jkun limitat, sabiex ir-repressjoni doppja kriminali u amministrattiva, twassal għal ġlieda iktar effettiva kontra l-azzjonijiet tal-abbuż tas-suq.

39 "Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl ta' dawk il-kriterji [kriterji Engel], jekk hemmx lok li jitwettaq eżami ta' kumulu tas-sanzjonijiet fiskali u kriminali previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fid-dawl tal-istandards nazzjonali fis-sens tal-punt 29 ta' din is-sentenza, u dan jista' jwassalha, jekk ikun xieraq, sabiex tikkunsidra li dan il-kumulu jmur kontra l-imsemmija standards, bil-kundizzjoni li s-sanzjonijiet jibqgħu kemm effettivi, proporzjonati kif ukoll dissważivi […]".

40 Punti 78 sa 93.

41 Kawża C-537/16, punti 74 sa 80.

42 Ara s-sentenza tas-27 ta' Mejju 2014, Spasic (C-129/14 PPU, EU:C:2014:586), punt 55.

43 *Ibidem*, punt 56.

83. Mill-erba' rekwiżiti indispensabbli għal-leġittimazzjoni tal-limitazzjoni tad-dritt fundamentali, l-ewwel u l-aħħar wieħed ma jippreżentawx diffikultajiet partikolari, f'dan il-każ. Il-liġi nazzjonali għandha tkopri l-kriminalità doppja u din tirrispondi għal għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni stess (jiġifieri, il-protezzjoni tal-integrità tas-swieq finanzjarji).

84. Madankollu, għandi dubji jekk, f'din is-sitwazzjoni, ġiex irrispettat il-kontenut essenzjali tad-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn għall-istess reat. Fi kwalunkwe każ, u dan huwa l-fattur ewlieni, il-limitazzjoni analizzata hawnhekk naħseb li ma hijiex neċessarja, skont it-tifsira tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

85. Il-fatt li r-regolament tal-Istati Membri jipprovdi soluzzjonijiet differenti fuq dan il-punt juri fih innifsu, fil-fehma tiegħi, kemm hija bla bżonn din il-limitazzjoni. Kieku kienet verament essenzjali, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kienet tkun neċessarja għall-Istati Membri kollha u mhux biss għal uħud minnhom. Hemm Stati Membri li implementaw sistemi ta' binarju uniku għar-repressjoni ta' aġir ta' abbuż tas-suq u oħrajn li żammew is-sistema doppja, iżda stabbilixxew mekkaniżmi proċedurali (l-"aiguillage" fi Franza) li jimpedixxu l-akkumulazzjoni tas-sanzjonijiet [44].

86. Il-kapaċità dissważiva ta' sanzjoni tiddependi minn kemm tkun severa: ma hemmx dubju li sentenzi ta' priġunerija (jiġifieri, dawk previsti għal reati) huma aktar dissważivi minn dawk pekunjarji (tas-sistema amministrattiva). Sistema li tgħaqqad, mingħajr ma tirdoppja, dawn tal-aħħar għal azzjonijiet illegali inqas serji u żżomm dawk għall-azzjonijiet illegali iktar serji, tirrispetta l-għan li tiġi evitata l-multiplikazzjoni ta' dawn l-abbużi.

87. Fir-rigward tal-effettività, ma narax għaliex, f'termini ta' sanzjonijiet materjalment kriminali, u għalhekk suġġetti għall-garanziji inerenti fil-liġi punittiva, l-azzjoni tal-korpi tal-Amministrazzjoni għandha neċessarjament tkun iktar veloċi minn dawk tal-organi ġudizzjarji. Huma l-Istati Membri li għandhom jipprevedu l-miżuri (leġiżlattivi, amministrattivi u ġurisdizzjonali) adegwati sabiex jindirizzaw il-ġlieda kontra l-abbuż tas-suq, u għalhekk jgħaqqdu l-effettività tagħhom mar-rispett għad-drittijiet protetti mill-Karta.

88. Għaldaqstant, in-natura effettiva, proporzjonata u dissważiva tas-sanzjonijiet ma tikkostitwixxix limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għal *ne bis in idem* protett mill-Artikolu 50 tal-Karta.

## IV. Konklużjoni

89. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunamenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Corte suprema di cassazione (qorti suprema, l-Italja) f'dawn it-termini:

"L-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea:

1) Jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-bidu ta' proċedura sabiex timponi sanzjonijiet amministrattivi ta' natura materjalment kriminali fuq l-awturi ta' aġir ta' abbuż tas-suq, meta sentenza preċedenti kriminali, ta' skaġunar jew ta' liberazzjoni u finali tkun iddikjarat, fir-rigward tal-istess fatti u tal-istess persuni, in-nuqqas ta' eżistenza ta' dawn l-azzjonijiet.

44 Ara l-istudju wiesa' ta' dritt komparattiv li jwettqu diversi awturi fil-monografu ta' *Revue internationale des services financiers/International Journal for Financial Services*, 2015, nru 1; kif ukoll Lecoqc, A., Principe *non bis in idem*: vers l'esquisse d'une standardisation de l'Una Via procédural: expériences belges et françaises, *Tijdschrift voor rechtspersoon en vennootschap/Revue pratique des sociétés* 2016, nru 6, p. 645 sa 668; Club des juristes, *Poursuite et sanction des abus de marché*: *le droit français à l'épreuve des textes communautaires et des jurisprudences récentes (CEDH, CJUE, Conseil constitutionnel*, Mejju 2015, www.leclubdesjuristes.com/les-commissions/rapport-poursuite-et-sanction-des-abus-de-marche/.

2) Ma jistax ikun limitat, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, għar-rekwiżit li s-sanzjonijiet applikabbli għall-azzjonijiet ta' abbuż tas-suq ikollhom natura effettiva, proporzjonata u dissważiva."